MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Numru. 91/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 27 TA' MARZU 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDRA MAMO**
**SPETTUR ALFRED MALLIA**

**KONTRA**

**ALAN GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Alan Gatt ta’ 31 sena, bin Albert u Teresa nee’ Grima, mwieled Pieta’ fis-26 ta’ April 1976, residenti 28, Jesmain court Flat 4, Triq San Guzepp, Pieta’ u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 239776(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

1.Talli nhar l-Erbgha 30 ta’ Jannar 2008, fil-Floriana ghall-habta ta’ 10.30 ikkommetta serq ta’ stereo tal-ghamla Kenwood u hwejjeg ohra fosthom qmis tad-ditta Marks and Spencer u gizirana minn gewwa vettura Ford Fiesta EBJ 235, ghad-dannu ta’ Nadianne Pizzuto ID 134879M, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi Euros 233 (Lm 100) izda mhux izjed minn Euros 2330 (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U iktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe’ l-imsemmija vettura Ford Fiesta EBJ 235 u vettura ohra Peugot EBJ 235 ghad-dannu ta’ Mario Muscat liema hsara tammonta ghal izjed minn Euros 116.47 (Lm50) izda ma tiskorrix il- Euros 1165 (Lm500).

3. U iktar talli fl-istess data u cirkostanzi bil-hsieb li jghamel delitt u cioe serq minn gewwa vettura Peugeot EBJ 235 ghad-dannu ta’ Mario Muscat, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu.

4. Akkuzat ukoll talli huwa ikkommetta delitt li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza datata 23 ta’ Novembru 2007 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

5. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti lahqet semghet il-provi kollha tal-prosekuzzjoni qabel ma’ l-imputat irregistra l-ammissjoni tieghu ghal dawn l-imputazzjonijiet kollha. Mill-provi prodotti sa dan l-istadju ma tantx hemm x’wiehed joqghod jiddilunga u jiddelibera. L-imputat wettaq ir-reati addebitati lilu, m’hemmx dubju fuq dan, izda li jippreokkupa sew lill-Qorti hu li dawn ir-reati twettqu waqt li l-istess imputat kien inghata opportunita’ ibiddel ghemilu u ma jibqax jisraq biex jissoddisfa d-dipendenza tieghu fuq l-abbuz ta’ sustanzi illeciti. Abbinat dan kollu mal-fedina penali xejn felici tal-imputat, u l-biza’ tal-Qorti li l-imputat assolutament m’huwiex wiehed ta’ imgieba affidabbli, ma hemm l-ebda triq ohra ghall-Qorti hlief li ddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza moghtija lilu, kif ukoll li taghti piena li tirrestring l-liberta’ tieghu, kemm biex tipprotegi li-socjeta’ kif ukoll biex – jekk verament irid, kif stqarr hu stess ‘viva voce’ fl-Awla qabel ma nghatat din is-sentenza – l-imputat ikun jista’ jibda program ta’ riabilitazzjoni minn gewwa l-Facilita’ Korrettiva, f’ambjent ikkontrollat u assistit.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 279(a), 325, 41, 28B, 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

L-ammisjoni ta’ l-imputat ma thalli l-ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssib lil imsemmi  Alan Gatt hati ta kif akkuzat u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija. In oltre din il-Qorti qed ukoll tordna id-dhul fis-sehh tal-perjodu operattiv ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur moghtija fis-sentenza sospiza datat 23 Novembru 2007, ghalhekk b’kollox l-imputat qed jigi kkundannat ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija.

Din il-Qorti qed tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jigi pprovdut b'kull assistenza mehtiega biex jibda program ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga minnufih.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------